# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 10 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.414/96

Alpha Communications Ltd.

vs

Micallef Cesareo & Co. Ltd.

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Hamsa u sebghin Lira Maltija, (Lm75.00), rapprezentanti sottoskrizzjoni fil-pubblikazzjoni KOMPASS - MALTA, Dok.A u Dok.B;

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma ppresentatx risposta fir-rigward, u lanqas ma deher rappresentant taghha;

Semgha x-xhieda ta' Philip Cassar, direttur tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti ezebiti;

In vista tal-fatt illi jirrizulta li l-pagament mitlub ghadu ma sarx;

It-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm75.00), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.